# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

Minuti tal-laqgħa Nru : **35** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala Nhar **it-Tlieta 14 ta' Lulju 2015 fis-6.00p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Kunsilliera | Is-Sinjura Elisabeth Cassar<br>Is-Sur Charlot Mifsud<br>Is-Sur Charlot Cassar<br>Is-Sur Sandro Gatt<br>Is-Sinjorina Desiree' Attard<br>Is-Sur Lawrence Ciantar |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Assistent Prinċipal | Is-Sinjura Lucille Bonnici |
| Skużati | Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sur John B Camilleri |

## ***Aġenda***

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 34.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jressaq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Aġġudikazzjoni tal-Expression of Interest EOI 02/2015 – Interested Parites/Individuals seeking sponsors for Local Council Events.
6. Approvazzjoni tar-rapport ta' kull Kwart minn April sa Ġunju 2015
7. Mistoqsijiet.
8. Mozzjonijiet.
9. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
10. Aġġornament.

Mayor
**Mario Calleja**

Vice Mayor
**Desiree` Attard**

Councillors
**John Baptist Camilleri**
**Charlot Mifsud**
**Charlot Cassar**
**Elisabeth Cassar**
**Lawrence Ciantar**
**Daniel Spiteri**
**Sandro Gatt**

Executive Secretary
**Josef Grech**

***Is-Sindku ppreżenta lis-Sinjorina Nicole Busuttil bħala l-ambaxxatur taż-żgħażagħ il-ġdida kif kienet innominata mill-Kunsill.***

1.0 ***Qari w approvazzjonital-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 34(1) tat-23 ta' Ġunju 2015:**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.1 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni illi paġna 3 numru 2.1.1 it tmien paragrafu għandu jinbidel u jinqara kif ġej:

*"Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi din il-komunikazzjoni ma għandiex għalfejn titressaq għal laqgħa tal-Kunsill li jmiss. Huwa kompla jgħid li kull Kunsillier jista jfittex fil-minuti tal-Kunsill personalment. Huwa kompla jgħid illi fi żmien il-gvern immexxi mil-Partit Nazzjonalista f'isem il-waterpolo club kien hemm applikazzjoni sabiex isir żvilupp ġo l-istess żona taż-Żonqor isir żvilupp kif ukoll sabiex tinbena yacht marina ukoll".*

1.2 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni illi paġna 7 punt #3.11 is-seba paragrafu għandu jinbidel u jinqara kif ġej:

*"Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi 'l fuq minn 30 sena ilu kienet ħarġet riżoluzzjoni mill-parlament illi sabiex jingħata l-permess illi tinbena biss lukanda u għaldaqstant hu tal-fehma illi tinbena lukanda biss. Huwa kompla jgħid illi aħna bħala Kunsill nistgħu nniżżlu l-pjanti online. Huwa kompla jispjega illi din l-applikazzjoni saret fit-2008 u issa qedgħin 2015 u għalkemm dan iż-żmien ma konniex oġġezzjonajna, xorta nistgħu noġġezzjonaw".*

1.3 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni illi paġna 5 punt #3.1 il-ħames paragrafu għandu jinqara kif ġej:

*"Is-Sindku qal illi l-propjetarji tal-Waterline Restaurant qed joħorġu mwejjed u siġġijiet żejda illi ma għandhomx permess għalihom, kif ukoll mwejjed bil-banketti twal fejn qed jagħlqu l-passaġġ għan-nies minn fuq il-bankina, kif ukoll żewġ units tal-airconditioners".*

***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ppropona l-approvazzjoni tal-minuti kif emendati u l-Kunsillier is-Sinjura Elsiabeth Cassar ssekonda. Il-votazzjoni kienet 5 favur, 0 kontra u 0 astensjonijiet***

***Il-minuti ġew unanimament approvati kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.***

2.0 ***Punti li joħorġu mill-Minuti:***

2.1 **Laqgħa Nru 34(1) tat-23 ta' Ġunju 2015:**

2.1.1 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 6 punt #3.7 rigward Ġieħ Marsaskala jekk konniex sibna r-regoli.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi r-regoli ma konniex sibnijhom peress li konna tlifna l-informazzjoni kollha u konna bagħtna lill-Kunsill Lokali Żurrieq pero` bqajna bla risposta.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi mil ftit li jiftakar mir-regoli, kien hemm imniżżel illi l-persuna nnominata trid tkun minn Marsaskala, jekk hux individwu jew organizzjoni u diskrizzjoni ta' x'għamel għal-lokalita`.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li huwa tal-opinjoni illi nġibu avviż fil-gazzetti tal-Ħdud u ngħidu lill-Kappillan sabiex iħabbar fl-avviżi tal-quddies.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar daħal għal laqgħa fis-6.20pm***

2.2 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq paġna 5 punt #3.1 jekk konniex infurmajna lill-applikant tal-gabbana tal-Fajtata.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi kienet ċemplitlu l-applikanta l-għada tal-laqgħa u nfurmaha bid-deċiżjoni.

2.3 Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa fuq paġna 4 punt #2.1.2 minħabba li għad fadal il-papri fil-Magħluq.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi kien ikkomunika mal-persuna kkonċernata u nfurmah illi l-aħħar papri jinqabdu mil-kuntrattur magħżul minnhom.

2.4 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa fuq paġna 4 punt #2.1.4 rigward il-kuntrattur tal-iskart jekk irregolax ruħu mal-kuntratt.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi l-kuntrattur kien infurmah illi sal-ġimgħa d-dieħla għandu jirreloga ruħu fuq wieħed minnhom filwaqt li l-ieħor kien qed jagħmel l-almu tiegħu biex jibda jaħdem b'vettura Euro 6.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar u l-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar ikkonferma illi l-kuntrattur għadu qed jaħdem bi trakk illi huwa Euro 3.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nibgħatulu reminder.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard qalet li qed jkolla diversi ilmenti illi l-kollettur qed jiġbor l-iskart, u jgħamilhom gozz fil-kantunieri u wara jiġi tal-iscammel u jiġborhom.

Il-Kunsill qabel unanimament illi navżaw lill-kollettur illi jirreloga ruħu mal-kuntratt għaliex l-iskart jrid jinġabar minn wara l-bibien u mhux jiġabru fi gzuz.

2.5 Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard staqsiet fuq paġna 9 punt # 7.1 jekk ordnajniex it-tabelli.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġiba illi konna ordnajnihom.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni illi l-parkeġġ riservat li hemm quddiem il-BOV għandna nagħmlu tabelli sabiex jindika li huwa għal-persuni b'diżabilita` u anke l-marki tal-karreġjat jinżebgħa is-simbolu tal-wheelchair.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan

3.0 ***Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq jressaq quddiem il-Kunsill:***

3.1 **Gandott fi Triq tal-Gardiel:**

Is-Sindku qal illi l-gandott li hemm fi Triq tal-Gardiel jinsab perikoluż ħafna kemm għan-nies u kemm għal-vetturi u għandna nimlewh bil-konkos.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex nqabbdu lill-kuntrattur tal-Kunsill.

3.2 **Marsaskala Materplan:**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lil Perit Philip Micallef rappreżentant tal-kumitat tat-tourism zone. Huwa beda biex jispjega illi dan il-kumitat qed jagħmel proposti ta' kif jista jtejbu l-lokalita`. Huwa ppreżenta pjanta proposta ta' Triq ix-Xatt sabiex isir water front development, fejn Triq ix-Xatt tingħalaq għal-karozzi u ssir bankina sħiħa.

Is-Sindku qallu illi sabiex jiġi ikkunsidrat dan il-proġett trid tinfetaħ triq alternattiva.

Il-Perit Micallef qallu li hemm Triq il-Qrempuċ u Triq l-Iskal jistgħu jinfetħu u tingħaqad ma Triq Frans Grech u għaldaqstant hekk jkun hemm triq alternattiva.

Is-Sindku qallu illi ilna ħafna snin nitolbu sabiex din it-triq tinfetaħ għaliex anke aħna ma nkunux nistgħu ngħamlu attivita` f'din it-triq u meta fil-festa tingħalaq, Triq Sant'Anna tiġi *two way*, l-parkeġġ jiġi eliminat u jkun hemm bżonn ta' żewġ Puluzija wieħed f'kull tarf tat-triq.

Il-Perit Micallef qal li bħala parkeġġ hemm propost illi jsir parkeġġ ħdejn il-Family Park u jsir servizz ta' *park and ride*.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal ukoll illi xi darba kien hemm proġettat ukoll illi tinfetaħ triq minn ħdejn il-Palm Valley sa' ħdejn il-family park.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard staqsiet jekk hux ser issir *public consultation*.

Il-Perit Micallef wieġeb illi mhux ser issir *public consultation* imma issir konsultazjoni mal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar informa lill-Perit Micallef illi jridu jġibu l-pjanti peress illi hemm is-sistema tad-drenaġġ għaddejja minn taħt il-*promenade*. Huwa kompla jispjega illi jridu jikkunsidraw id-*deliveries* u l-problema tal-ilma għalkemm ix-xitwa li ġejja ser tkun l-ewwel xitwa wara li tlesta l-proġett tal-*istorm water culverts*.

Is-Sindku spjega ukoll illi Ġnien Sant'Anna hemm il-permess ukoll illi jinbena l-bini amministrattiv tal-Kunsill.

Il-Perit Micallef qal illi għanda nżommu l-karratterisitka` tal-lokal tagħna.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar issuġġerixxa illi la hemm fondi allokati għal lokal tagħna għanda niffukaw fuq il-Magħluq peress li hemm kollox ippjanat u x-xogħol jista jibda.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jekk hu possibli jibda x-xogħol fuq il-Magħluq u jaħdmu sabiex tinfetaħ triq alternattiva. Il-Kunsill irrakkomanda lil Perit Micallef sabiex jikkonsulta mad-Direttur Ġenerali tal-Works Division peress li għandu l-informazzjoni kollha dwar x'irid isir fil-Magħluq liema proposti ta' xogħol huma approvati mil-Kunsill.

**<u>Korrispondenza mil-Kumitat ta' Marsaskala Sports Club:</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li wara li l-Kunsill kien ħa deċiżjoni illi l-*istairlift* jsir fit-taraġ tan-naħa ta' barra, konna irċivejna komunikazzjoni fejn il-klabb qalulna jekk l-*istairlift* jsir fit-taraġ li jagħti għar-restorant, ser jkun iktar protett mill-elementi, illi ħadd mhu ħa jkun obbligat sabiex jħallas miżata jew jkun obligat li jixtri mir-restorant, kif ukoll l-elettriku jew manutenzjoni ser jitħallsu mill-klabb u jista jintuża minn kull persuna b'diżabilita`.

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard staqsiet jekk dan it-taraġ huwiex privat jew pubbliku.

Is-Sur Aaron Simpson weġibha illi t-taraġ huwa privat, iżda huma lesti illi jagħtu garanzija illi jipprovdu aċċess lil kullħadd.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi r-restorant fix-xitwa ~~jkun magħluq u għaldaqstant dan l-*istairlift* ma jkunx jista jintuża~~. Huwa kompla jgħid illi dawn huma fondi pubbliċi u wieħed irid joqgħod attent peress li ser jsir ġo propjeta` privata.

Is-Sindku qal imma la darba dan l-*istairlift* ser jintuża minn kullħadd allura dan ser jsir tal-pubbliku.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li hu jrid jkun ċert li dan l-*istairlift* jista jsir fejn hu propost mill-klabb. Huwa staqsa lis-Sur Aaron Simpson jekk fil-klabb jittrenjawx jew hemmx xi membri fih li huma persuni b'diżabilita`.

- ***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt daħal għal-laqgħa fis-7.30pm***

Is-Sur Simpson wieġbu illi hemm madwar erbgħa persuni u huma joffru *training* ukoll lil persuni b'diżabilita` iżda fil-preżent jsir fil-pixxina minħabba li m'hemmx aċċess fil-*pitch*. Huwa kompla jgħid illi jekk dan l-*istairlift* isir persuna b'diżabilita` tista tkompli titrenja tul is-sena kollha.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li huwa tal-opinjoni illi niktbu lid-dipartiment tal-kunsill lokali fuq dan il-każ għaliex għalkemm it-taraġ propost huwa privat pero` membri tal-klabb jistgħu jużawh.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan u jekk id-dipartiment ma jagħtiniex risposta allura wara għandna nirrikorru għal-parir tal-avukata tal-Kunsill.

- ***Intalbet sospenzjoni tar-regolamenti sabiex tiġi diskussa aġenda #6***

6.0 ***<u>Approvazzjoni tar-rapport ta' kull kwart minn April sa Ġunju 2015:</u>***

L-Accountant tal-Kunsill is-Sinjura Doreen Mintoff spjegat fid-dettal ir-rapport ta' kull kwart minn April sa Ġunju 2015.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi f'dawn ix-xhur li ġejjin għandna noqgħodu attenti mill-infiq tal-bankini peress li kien hemm ħafna xogħolijiet pendenti u issa qed isiru u dawn se jiġu inklużi kollha fil-quarterly report li jmiss inkluż il-bankina u ċOċint li kienu saru faċċata tal-Knisja Parrokkjali u għaldaqstant irridu noqogħodu attenti mill-ammont ta' infieq. Mandankollu l-infieq s'issa huwa skond kif kien approvat fil-budget.

*Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ippropona l-approvazzjoni ta' dan ir-rapport u l-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar issekondat. Il-votazzjoni kienet 7 favur, 0 kontra u 0 astensjonijiet.*

3.3 **Informazzjoni dwar l-applikazzjoni li kienet ġiet sottomessa PA 03836/08 fuq is-sit tal-eks Jerma Palace Hotel:**

Il-Viċi Sindku s-Sinjroina Desiree Attard staqsiet jekk dawn il-propjetarji hux ser jkomplu bil-pjanti li hemm preżenti jew jekk hux ser jippreżentaw pjanti ġodda.

Is-Sindku weġibha illi huwa jaħseb li fix-xhur li ġejjien ser jkollhom pjanti ġodda.

3.4 **Korrispondenza mil-MTA dwar il-latrina tan-nisa fil-Bajja San Tumas (35/2866/15/O):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-MTA kienet qed titlob sabiex parti żgħira mill-latrina tan-nisa tintuża f'każ li jkollom bżonn jamministraw il-first aid għax-xhur tas-sajf.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal illi huwa tal-opinjoni sabiex issir *mobile unit* u mhux tittieħed parti mill-latrina.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex issir *mobile unit* u li għandna ninfurmaw lil MTA b'din id-deċiżjoni.

3.5 **Spazji Pubbliċi żoni miftuħa (35/282/15/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsilliera illi din hija l-kopja tal-applikazzjoni kif kien mitlub li tiġi ppreżentata fil-laqgħa preċedenti.

3.7 **Mistoqsija Parlamentari dwar applikazzjoni għal yacht marinas u permessi għal-kjosks (35/2802/15/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi hemm permess PA00118/09 sabiex issir *yacht marina* f'Marsaskala.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal li kienu diġa għamlu studju jekk hux possibli illi issir *yacht marina* u mill-istudji sabu illi mhux possibli illi issir *yacht marina*. Huwa kompla jispjega illi dan ir-rapport kien qiegħed *online* u kellu jgħaddi kopja għall-attenzjoni tal-Kunsill.

3.8 **Zebra Crossing fi Triq il-Qaliet (35/2966/15/I):**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi wara li kien kollox approvati, avviċinatu l-propjetarja tal-ħanut tal-*hairdresser* u qaltlu illi jekk il-quddiem tiddeċiedi li l-ħanut tbiddlu f'garaxx mhux ser ikun possibli minħabba illi z-*zebra crossing* tiġi eżatt quddiem l-entratura. Għaldaqstant qed jiġi propost illi z-*zebra crossing* tiġi ħdejn Triq tal-Ħamrija pero sabiex issir hemm, Triq tal-Ħamrija trid issir *one way*.

Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni illi din it-triq issir one way iżda jridu jieħdu kont illi hemmhekk fil-futur qarib ser tibena skola u allura għandna ninfurmaw lil Tmalta dwar dan.

3.9 **World Tourism Day fis-26 ta' Settembru 2015:**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-Ministeru tat-Turiżmu flimkien mal-MTA ser jorganizzaw attivita` fis-26 ta' Settembru 2015 ġewwa l-lokalita` ta' Marsaskala u talbu l-approvazzjoni tagħna kif ukoll koperazzjoni waqt l-attivita`.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex din l-attivita issir.

3.10 **Youth Exchange f'Marsaskala**

Is-Sindku preżenta lis-Sur Ryan Portelli fejn qal li qed jaħdem fi ħdan id-Douzelage taħt it-titlu ta' Youth's role in Local Politics. Huwa kompla jispjega illi qed jikkomunika mal-Meusac sabiex jassistuh fl-applikazzjoni li għanda tiġi sottomessa f'Ottubru.

Is-Sur Ryan Portelli spjega li se jkun qed jieħu ħsieb din l-applikazzjoni f'isem il-Kunsill Lokali u kien qed jagħmel l-almu biex jekk dan il-proġett jiġi approvat, isir mingħajr spiża għal Kunsill.

3.11 **KSFA Fishing Event Puttinu Cares:**

Is-Sindku spjega illi ser issir sajda b'kollaborazzjoni mal-Kunsill ta' madwar 100 tifel u tifla sabiex jinġabru flus għal Puttinu. Huwa kompla jispjega illi aħna rridu nixtru il-medalji li jiswew madwar €1.50 u €2.00 għal kull medalja.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex nixtru l-medalji.

3.12 **Attivita` tal-Banda Mużikali Sant'Anna:**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa kif ser tkun organizzata din l-attivita`.

Is-Sindku wieġbu li bħala *PA System* ser tkun min-naħa tat-Twilight, dawl ser jiġi organiżżat min-Nexos, il-palk ser nużaw tal-Kappillan u krejna l-imwejjed u siġġijiet u l-attivita ser issir fuq is-simenta. Huwa kompla jispjega illi tal-Melita plc ser jisponsorjaw xi srtumenti lil Għaqda.

3.13 **Bajja ta' San Tumas:**

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Cassar qal illi fil-Bajja ta' San Tumas qed ikun hemm ħafna nies bil-gazebo fl-entraturi u anke ħafna pparkjar ta' karozzi bl-addoċċ.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex ninfurmaw lil Puluzija dwar dan.

3.13.1 Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Desiree Attard talbet sabiex jsiru tabelli li klieb fejn hemm ir-ramel ma jistgħux jgħumu.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nitolbu lil MTA sabiex jagħmlu dawn it-tabelli.

3.13.2 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar issuġġerixxa sabiex jiżdied ir-ramel fil-Bajja ta' San Tumas.

Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt wieġeb li dan mhux possibli qabel ma jsir studju fuq il-bajja u t-tip ta' ramel li jinsab fl-istess bajja.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex niċċekjaw jekk hux possibli.

4.0 ***Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet:***

4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill illi kellna xi pagamenti illi daħlu tard u ser jitressqu f'din is-seduta u jkunu mniżżla fis-seduta li jmiss bħala ħlasijiet b'urġenza:

1) Mr Ronald Bezzina – Extra Works li jmamonta għal €450
2) Mr Ronald Bezzina – Street Sweeping and Grass Cutting in urban roads li jammonta għal €3562.50
3) Mrs. Ursula Greenland – Rent of Council premises li jammonta għal €2445,84
4) Karmig Trading Ltd – Pavements Works li jammonta għal €12,741,26

**Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt ippropona l-awtorizzazjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sinjura Elisabeth Cassar issekondat.**

**Il-Kunsill approva unanimament.**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Cianatr staqsa fiex wasalna sabiex nibdew nibnu l-Kunsill il-ġdid.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi kemm il-darba ċempel lid-dipartiment sabiex niffirmaw il-kuntratt.

5.0 ***Aġġudikazzjoni tal-Expression of Interest EOI 02/2015 – Interested Parties/Individuals seeking sponsors for local council Events:***

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta x-*schedule* ta' min issottometta l-offerta tiegħu.

| No | Contractor | Remarks | Amount |
|---|---|---|---|
| 1 | Mr. Mario Camilleri | | Commision rate 15% on the sponsorship income |

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li irridu niddeċiedu minn issa f'attivitajiet bi ħsiebna ngħamlu s-sena d-dieħla.

Il-Kunsill qabel unanimament li din l-offerta tingħata lis-Sur Mario Mallia u għanda issir laqgħa miegħu.

7.0 ***Mistoqsija:***

Ma kienx hemm l-ebda mistoqsija

Is-Segretarju Eżekuttiv qara r-risposta li rċevejna min-naħa tar-Reġjun Xlokk rigward mistoqsija #17 fejn infurmawna illi il-gwardjan lokali kien fir-rotta tiegħu u ma damx iktar minn sitt minuti fiż-żona taż-Żonqor u din l-informazzjoni inkisbet mis-sistema tat-tracking li għandom semmew ukoll li din kienet parti mir-rotta ta' nhar ta' Ħadd.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar tkellem dwar ir-risposta li ngħatat dwar il-gwardjani lokali mir-Regjun Xlokk.

8.0 ***Mozzjonijiet:***

8.1 **Mozzjoni mressqa mis-Sindku- is-Sur Mario Calleja (#100 – 30/6/15):**

*"Jipproponi li s-cycle path fi Triq is-Salini eżatt minn faċċata tal-fanal pizzeria sa fejn l-eks Jerma tibda tintuża għall-parkeġġi 24 siegħa 7 darbiet fil-ġimgħa. B'hekk niggwadanjaw iżjed minn 120 parkeġġ. Jidher ċar li minkeja li għandna cycle path, xorta waħda ma tintużax u riders isuqu l-bike fuq promenade. Għaldaqstant nissuġerixxi li tinżebaħ cycle track fuq l-promenade u nirbħu l parkeġġi li tant għandna bżonn."*

Is-Sindku spjega illi issir biċċa safra fuq il-*promenade* bħalma hemm fl-lokalitajiet oħra.

Il-Kunsill qabel unanimament illi jsiru tabelli fuq il-promenade illi jistgħu jduru bir-rota sal-5.00pm biss filwaqt li jinqalgħu t-tabelli kollha tac-*cycle track* u b'hekk ikunu jistgħu jipparkjaw il-vetturi.

8.2 **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku- is-Sur Mario Calleja (#101 – 7/7/15):</u>**

*"Jipproponi li ssir un/loading quddiem Toni's Wines and Spirits fi Triq il-Qaliet."*

Il-Kunsill qabel unanimament dwar dan.

8.3 **<u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur Charlot Cassar (#102 – 7/7/15):</u>**

*"Jipproponi li jinħoloq aċċess minn Triq l-Immakulata għal Triq San Nikola billi jinbena taraġ sabiex jgħaqqad flimkien dawn iż-żewg toroq. Fil-preżent, ir-reżidenti li jgħixu fi Triq l-Immakulata jridu jduru minn naħa ta' Monita biex jinżlu sa fejn il-baħar u dan apparti mill-periklu kbir li jeżisti fil-mument. Huwa meħtieġ ukoll li b'mod urġent tingħata tindifa ġenerali liż-żona tal-madwar. Qiegħed nehmeż ukoll erba' ritratti sabiex il-Kunsill ikun jista' jifhem aħjar id-diffikultajiet kbar li r-reżidenti tal-akwati qed ikollhom iħabtu wiċċhom magħhom ta' kuljum".*

Is-Sindku qal li konna ktibna lil Tmalta u Mepa.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex niktbu lic-Chairman ta' TMalta.

9.0 ***<u>Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera:</u>***

Ma kienx hemm l-ebda nformazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.

10.0 ***<u>Aġġornament:</u>***

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fl-9.00p.m. Il-laqgħa li jmiss ser ssir Nhar it-Tnejn 17 t' Awissu 2015 fil-5.30pm.

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku